MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2012

Numru. 894/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR IAN JOSEPH ABDILLA**

**VS**

**ENZO MICCI**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Enzo Micci, detentur ta` Passaport Taljan bin-numru D923537.

**Akkuzat talli:**

Fit-3 ta` Awissu 2011 u fil-granet ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza leggittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi

persuna, kif ukoll kellu fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta` valuta` EURO falsifikati, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta` htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti hija gentilment mitluba wkoll sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qerda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta` Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista` jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50 (3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta.
Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti rat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa u l-provi prodotti;

Rat il-Fedina Penali tal-imsemmija imputat;

Wara li rat l-Artikoli 18, 23, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u l-Artikoli 46 u 50 (3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi dan il-kaz jikkoncerna episodju fejn flus foloz, fl-ammont ta` sitt elef ewro (€6,000), kollha f'biljetti ta` ghoxrin ewro (€20) il-wahda, bin-numru ta` registrazzjoni V25590030352 (271) u S44244920418 (29), kienu gew depozitati mal-Luqa Branch tal-BOV minn certu Lawrence Curmi li huwa *car dealer.* Is-Sur Curmi informa lill-bank illi

dawn il-flus inghatawlu minn Nicholas Carabott bhala parti mill-prezz ta` vettura illi l-istess Carabott kien xtara minghandu. Meta mistoqsi mill-bank, Carabott zvela illi dawn il-flus huwa kien gabhom minghand Taljan, ezattament minn gewwa l-flat tieghu li l-istess Carabott kien qed jikrilu. Illi, minn investigazzjoni tal-Pulizija gie stabilit illi dawn il-flus huma verament foloz, parti minn klassi maghrufa bhala 20P2B, originarji minn Napli izda diffuzi fl-Ewropa kollha. Dan gie ukoll ikkonfermat mill-espert mahtur mill-Qorti, Robert Mifsud, impjegat tal-Bank Centrali.

Illi jirrizulta li dan it-Taljan kien l-imputat Enzo Micci u illi kien hemm pendenzi civili bejnu u bejn Nicholas Carabott fis-sens illi kien hemm xi kirjiet u pendenzi ancillari dovuti, precizament kera ta` tlettax (13) –il xahar fl-ammont ta` tlett mija u hamsin ewro (€350) kull xahar u oltre elf ewro (€1,000) dawl u ilma minhabba li l-istess Micci kien allontanat minn dawn il-Gzejjer ghal xi zmien twil, sena jew oltre, izda zamm il-flat b'kirja. Meta Carabott iddecieda li ma setghax jiehu iktar, hu zvojta l-appartament mill-effetti kollha personali tal-istess Micci u stivhom taht it-tarag tal-istess blokk ta` appartamenti. Kien matul din l-operazzjoni illi Carabott skopra dawn il-biljetti ta` ghoxrin ewro (€20) imgezwrin go tlett (3) karti fil-gwardarobba wara xi kotba. Huwa hasibhom genwieni u uzhom bhala parti mill-prezz tal-karozza l-gdida li huwa xtara minghand Curmi.

Sussegwement u wara li Carabott kien ghadda l-flus lil Curmi u wara li giet involuta l-Pulizija, l-avukat ta` Carabott kien informa lill-Ufficjal Prosekutur bil-presenza ta` Micci gewwa Malta u dan gie arrestat. Minnufih Micci dejjem cahad illi dawn il-flus foloz huma tieghu u insinwa li l-persuna responsabbli ghalihom hi Carabott bhala sid tal-apartament u bhala l-bniedem li kellu c-cavetta ta` dan l-appartament tul l-assenza tieghu.

Illi gew esibiti mill-Prosekuzzjoni tlett (3) karti li fihom, allegatament kienu mgezwrin il-flus fihom. Dawn kellhom il-figura "100" fuqhom. Tnejn minnhom l-ittri "OK" u l-iehor il-kelma "FALLATI". L-imputat jammetti li din il-kitba lista

tieghu, l-istess konkluzzjoni li ghaliha wasal il-perit tekniku Martin Bajada li jesprimi l-opinjoni tieghu li l-kitba fuq il-karti li fihom kien hemm il-flus foloz m'hemm l-ebda dubju li l-kitba hija dik tal-imputat u dan wara li sar l-ezami komparattiv mal-kampjun tal-kitba ta` Enzo Micci. Id-difiza naqset li taghmel kontro-ezami ta` Dr. Bajada u qatt ma talbet ghall-perit perizjari. Il-kontestazzjonijiet tad-Difiza fil-konfront tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni huma numeruzi u varji.

1/ Il-fatt illi s-sitt elef ewro (€6,000) f'*bancanoti* ta` ghoxrin ewro (€20) u, ghalhekk, per cio`, tlett mitt (300) *bancanota* kienu mgezwrin go folji ta` *magazines* illi jgibu d-data ta` Gunju, 2010, u cioe` wara li l-imputat kien suppost telaq minn Malta. Kwindi, skond id-difiza, l-imputat ma jistghax ikun il-propjetarju ta` dawn il-flus foloz stante l-impossibilita` fizika tieghu li jahbihom gewwa l-appartament lilu mikri meta huwa mhux qieghed Malta.

Zewg affarijiet jigu f'mohh dina l-Qorti f'dan il-mument u cioe`:

a) Dina l-Qorti tikkonstata li *magazines* illi jintbghatu permezz tal-Posta, normalment jigu spediti ferm qabel ix-xahar li fihom huma jkunu qieghdin jirreklamaw. Ghalhekk, *magazine* illi qed jirreklamaw *special offers* ghax-xahar ta` Gunju normalment jigu spediti xi granet jew gimghat qabel sabiex min jirciviehom ikun jista` jissufruwixxi mill-i*special offers* matul ix-xahar sussegwenti. Ergo, dawn il-*magazines* zgur li waslu fir-residenza tal-imputat ferm qabel ix-xahar ta` Gunju, 2010;

b) Billi Nicholas Carabott darbtejn xehed illi l-imputat kien debitur lejh fl-ammont ta` tlettax (13) –il xahar kera. Jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat irritorna lejn Malta fit-2 ta` Awissu, 2011, u wiehed jghodd lura, allura jirrizulta li tlettax (13) il-xahar kera dovuta kienet tirresali ghall-ewwel skadenza ta` kera ghal Gunju, 2010. Minhabba dawn ir-ragunijiet u minhabba dawn il-kalkoli semplici ta` dina l-Qorti jirrizulta, ghalhekk sodisfacentement illi l-imputat zgur kien f'dawn il-Gzejjer

fl-ahhar ta` Mejju u bidu ta` Gunju, 2010, bizzejjed sabiex huwa jircievi l-*magazines* li fihom kienu mgezwrin il-*bancanoti* falzi;

c) Illi, ghalhekk, il-kitba li nstabet fuq dawn il-*magazines* tista` tkun dik tal-imputat kif, *del resto*, ammetta huwa stess fl-interrogatorju tieghu mal-awtoritajiet kompetenti u "viva voce" quddiem dina l-Qorti. Piz xieraq ghandu jinghata wkoll ir-relazzjoni tal-perit tekniku, Martin Bajada, illi ma jesprimi ebda dubju li l-kitba ta` fuq dawn il-*magazines* ma hijiex identika mas-*sample* tal-kitba ta` Micci migbura minnu stess mill-imputat;

d) Illi l-imputat jittenta sabiex jghid illi din il-kitba hija *scaraboccia* jew thazziz tieghu fuq dawn il-pagni. Meta jaghmel hekk, l-imputat qieghed iqieghed l-isgassa m'ghonqu u dan ghaliex:

1. Jekk hu hekk, qieghed jammetti li dawk il-pagni kienu, originarjament fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu u;

2. Il-mod kif inhuma dawn l-i*scarabocci*, il-post fejn huma miktubi fuq kull pagna u n-nuqqas tal-imputat sabiex jispjega x'ifissru certament ma jiggorawx il-kawza tieghu.

2/ Il-fatt illi dawn il-flus kienu pistini u cioe` fi stat gdid fjamant *mere circulated* waqt illi l-hwejjeg u affarijiet ohra personali tal-imputat kienu fi stat hazin u mimlijin moffa. L-argument hawn huwa illi jekk, verament, dawn il-*bancanote* foloz kienu proprjeta` tal-imputat, dawn, bhal l-affarijiet l-ohra tal-imputat kienu wkoll ikunu mmuffati huma wkoll.

Il-Qorti tixtieq taghmel 3 kostatazzjonijiet dwar dan il-punt u cioe`:

i. Il-fatt illi Carabott xehed illi meta huwa sab dawn il-flus foloz mistohbijin wara xi kotba gewwa l-gwardarobba,

huwa, ghall-ewwel, halliehom fejn kienu. Sussegwement, huwa kien hadhom id-dar tieghu u kkonservhom hemm;

ii. Ergo, wiehed ma jistghax jistenna li l-karta ta` dawn il-flus foloz ser jigi deterjorat stante li dawn gew ikkonservati f'dar ta` residenza abitata u, ghalhekk, mhux daqstant umda;

iii. Illi, anke jekk ghall-grazzja tal-argument, wiehed kellu janetta l-argument illi dawn il-flejjes verament kienu gew stivati flimkien mal-oggetti ohra personali tal-imputat, dawn kienu protetti billi kienu mgezwrin go folja ta` magazine kull mazz ta` mija (100) u dawn it-tlett (3) mazzijiet impoggija gewwa *plastic bag*.

3/ Il-fatt illi giet uzata l-kelma "FALLATI" fuq pagna wahda ta` dawn il-*magazines.* It-tezi tad-Difiza hija illi din il-kelma ma tfissierx "falz" izda, skond id-dizzjunarju "difettuz".

Illi dan l-argument huwa *non-sequitur* ghaliex nonostante li d-difiza tghati importanza straordinarja lil din il-kelma, din il-kelma hija semplici konferma li xi hadd ferm intiz fil-lingwa Taljana kien kiteb din il-kelma fuq il-pagna tal-*magazine* stante:

i. Hadd ma jaf ghaliex kienet giet miktuba din il-kelma jew ir-raguni ghaliex inkitbet. Kwindi xi tfisser had ma jista` jghid. Ir-rilevanza taghha ma tistax tigi stabilita;

ii. Bizzejjed wiehed jghid illi, wara kollox, ma tantx hemm differenza bejn dak li huwa "falz" jew dak li hu "difettuz". It-tnejn li huma m'humiex perfetti;

iii. Illi mkien mill-provi ma jirrizulta mix-xhieda prodotta minn dawn il-proceduri li l-imputat kien xi darba involut fin-negozju tat-tessuti skond kif qed tallega d-difiza meta tqabbel il-kelma "FALLATI" ma kelma uzata f'dan in-negozju u 'ix-xoghol li ghamel hu'. Imkien ma jirrizulta li l-imputat qatt kellu x'jaqsam ma` dan il-*business* ghaliex

anke hu stess jiddeskrivi ruhu, fl-interrogatorju, bhala negozjant tal-hut u organizzatur ta` attivitajiet.

4/ Id-difiza ssaqsi ghaliex Carabott kompla jinsisti fuq il-hlas tal-kera dovuta u l-kont tad-dawl u ilma minnu mhallas meta huwa sab sitt elef ewro (€6,000) in kontanti mohbija bejn xi kotba gewwa l-gwardarobba. Il-Qorti hawn tinnota x-xhieda ta` Daniel Gatt li xehed illi bhala mpjegat tal-BOV huwa kien accetta l-ammont ta` tlettax il-elf ewro (€13,000) minghand Lawrence Curmi li kien *car dealer* u wiehed mit-*top customers* tal-Luqa Branch fil-15 ta` Lulju, 2011. Minn dawn it-tlettax il-elf ewro(€13,000), sitt elf ewro (€6,000) minnhom kienu foloz.

Jirrizulta, mill-provi prodotti li kienu ghaddejjin numru ta` *e-mails* bejn l-imputat u familjari ta` Carabott u mal-avukat tieghu fejn giet ittrattata l-kwistjoni tal-kerijiet dovuti. L-ebda menzjoni ma ssir tas-sejba tas-sitt elf ewro (€6,000) fl-appartament tal-imputat f'dawn l-emails. Dan jista` jkun, u fil-fatt hekk jirrizulta, illi dawn il-flus kienu ghadhom ma nstabux minn Carabott sa nofs ta` Gunju, 2011. Milli jidher, mix-xhieda ta` PS494 Godwin Borg johrog il-fatt illi Carabott kien qallu li huwa kien sab dawn il-flus xahar qabel it-12 ta` Lulju tas-sena 2011, meta l-Avv. G. M. avvza lill-imputat illi l-effetti personali tieghu kienu se jittiehdu barra l-appartament jekk huwa ma jhallasx dak dovut fil-1 ta` Awissu, 2011, u cioe` Mejju, 2011. Izda, mal-15 ta` Lulju ta` dik l-istess sena, Carabott, Curmi *e bella compagnia* kienu jafu, definittivament, illi dawn il-flus kienu foloz. Is-silenzju ta` Carabott jista` jigi spjegat bil-fatt illi waqt li huwa forsi serrah mohhu li kien sab dawn il-flus u seta` juzhom fil-kaz ta` bzonn fi hlas ta` kera, huwa kompla jigri wara l-imputat ghall-hlas effettiv. Ma kienx jaf illi dawn il-flus kienu foloz. Dan huwa ovvju stante li qatt ma kien ser imur bihom sabiex jixtri karozza. Hekk zgur kien se jinqabad stante li Bank huwa abbastanza attressat sabiex ivvaluta *counterfeit notes* kollha bl-istess *serial number*. Kien biss meta kellha tixtri karozza t-tifla tieghu illi hareg dawn il-flus.

Illi fil-1 ta` Awissu, 2011, gie zvotat l-appartament fejn kien jirrisjedi l-imputat. Dan sar meta Carabott kien diga jaf illi l-flus minnu misjuba kienu foloz u, ghalhekk, kellu kull raguni sabiex ma jinfurmax lill-imputat bl-iskoperta tieghu u llixxka lill-imputat sabiex jiritorna Malta biex huwa jigi mhallas dak li kien ghadu dovut u wkoll sabiex jikklerja ismu billi l-imputat jaffaccja l-proceduri odjern.

5/ Id-difiza tallega li seta` kien Carabott illi pogga dawn il-flus foloz fl-appartament fejn kien jirrisjedi l-imputat. Din l-allegazzjoni qiedghha ssir *terrendo conto* tan-negozju ezercitat minn Carabott u cioe` negozju ta` lanci, *diesel* u negozji ohra simili. Dan tghidu d-difiza ghaliex l-imputat dejjem cahad illi dawn il-flus foloz jippartjenu lilu.

Cahda biss m'hiex prova bizzejjed sabiex tiskolpa akkuzat minn dak li bih huwa akkuzat. Ma ngabet l-ebda prova u sostenn ta` din ic-cahda! Wiehed lanqas ma jista` l-argument illi seta` jidhol xi hadd, fl-appartament tal-imputat, waqt l-allontananza twil ta` circa sena tal-imputat minn dawn il-Gzejjer. Dan l-argument ma jistax jigi accettat ghaliex ingabet prova cara illi waqt ic-cavetta tal-bieb ta` barra kienet inbidlet matul is-sena li kien imsiefer Micci, ic-cavetta tal-appartament ma kienetx u baqghet ic-cavetta originarja u hadd ma kellu cwievet hlief Carabott u l-imputat. Konsegwentement, hadd ma kellu access ghall-appartament hlief huma t-tnejn. Ghalhekk, jekk dawn il-flus foloz verament instabu fl-appartament, dawn kellhom jitqieghdu hemm jew minn Carabott jew mill-imputat. Wiehed ma jistax iwahhal f'Carabott ghax, wara kollox, kien hu li mar jaghmel negozju bihom u xtara karozza. U, jekk, ghall-akwist ta` din il-vettura, wiehed juza tlett mitt (300) *bancanota*, godda u li jgibu zewg (2) *serial numbers* biss bejniethom konsapevolment wiehed, allura, avventuruz (*to say the least*) jew totalment injorant mill-fatti! Hija din in-naivita` ta` Carabott illi ggieghel lil dina l-Qorti sabiex temmen il-verzjoni tieghu. Din il-Qorti temmen illi Carabott vera sab dawn il-flus mohbija wara xi kotba gewwa gwardarobba fl-appartament mikri lill-imputat. Huwa ha dawn il-flus imgezwrin gol-karti fid-dar tieghu u zammhom hemm fl-istess inkartament sakemm

iddecieda illi juzhom bhala parti mill-prezz ta` vettura gdida li kien ser jixtri ghat-tifla tieghu. Kieku kien, verament, jaf li dawn il-flus kienu foloz, kien jinduna bl-ovvju u cioe` illi kellhom, kollha it-tlett mitt (300) *bancanota*, zewg (2) *serial numbers* biss. U dan, verament, daqshekk inkoxxenti li juzhom f'*deal* wiehed biss. Wiehed li, konsapevolment, irid iqassam flus foloz, ser jaghmel dan *bancanota bancanota* u mhux kollha f'daqqa. Din il-probabilita` tispjega huwa zamm dawn il-flus fir-*wrapper* originali taghhom u qatt ma ta kas is-*serial numbers* tan-noti. U tispjega wkoll il-kitba fuq dawn ir-*wrappers*.

Fatt iehor importanti li dina l-Qorti qedha tiehu in konsiderazzjoni hija x-xhieda ta` Lawrence Curmi, il-*car dealer*. Dan xehed billi qal illi meta Nicholas Carabott halsu ghall-vettura li huwa kien qed jixtri, dan Carabott kien akkumpanjat minn martu u waqt li qieghed isir il-hlas, semghu jghid lill-martu u jispjegalha li
"Il-flus kien tahomlu wiehed Taljan"
u lil Lawrence Curmi stess kien qallu li l-flus kien sabhom fil-*flat*.

Wiehed jista` jissopponi li l-imputat dejjem kellu l-intenzjoni li jirritorna Malta. Kieku ma kienx hekk lanqas biss kompla jinsisti li l-kera ma Carabott tkompli tiddekorri u wisq lanqas ma kien ihalli l-effetti personali tieghu hawn. Forsi haseb, jew illi Carabott ma kienx se jitfghalu l-affarijiet barra jew inkella li ma kienx se isib dawn il-flus foloz mohbija wara l-kotba. Forsi r-raguni li l-imputat insista li l-kera kollha tkompli tiddekorri u li kien lest li jiehu r-responsabbilita` ghall-hlas tal-kera dovuta dawk ix-xhur kollha li huwa dam nieqes minn pajjizna huwa precizament ghall-fatt illi kellu l-biza li jigi skopert.

Ghall-allegazzjonijiet tad-difiza li Carabott kien ra estranji gewwa l-appartament minnu mikri lil Enzo Micci, waqt li dan jista` jkun veru, l-unika persuna li mill-provi prodotti jirrizulta li veramanet kienet gewwa l-appartament, kienet il-*cleaning lady* tal-imputat u jirrizulta dan l-incident bejna u bejn Nicholas Carabott, l-imputat kien ghadu Malta. Din il-Qorti tiddikjara li ma tghati l-ebda importanza ghal dan l-

incident. Id-difiza wkoll tilmetna li ma ngiebx in ezami mill-Prosekuzzjoni t-tifel ta` Nicholas Carabott li wkoll kellu access ghal dan l-appartament meta kien imsiefer minn dawn il-Gzejjer l-imputat. Waqt illi dan seta` dejjem ingab mid-Difiza bhala xhieda taghha. Dina l-Qorti hija skwalifikata sabiex tiehu konjizzjoni ta` dak li seta` jikkontribwixxi dan ix-xhud "*Quod non est in actii non est in mundi*".
Izda ezami fir-reqqa tax-xieda ta` Nicholas Ciappara turi li, matul assenza tal-imputat minn Malta, hu u t-tifel dahlu fl-appartament xi erba` jew hames darbiet sabiex jassikuraw ruhhom illi kollox kien sew.

ILLI DINA L-QORTI HIJA TAL-FEHMA LI HIJA TTRATTAT BIR-REQQA L-OGGEZZJONIJIET KOLLHA LI GABET ID-DIFIZA GHALL-ALLEGAZZJONIJIET TAL-PROSEKUZZJONI U TIKKUMENTA LI L-EBDA ARGUMENT U L-EBDA PROVA PRODOTTA MID-DIFIZA MA KREJAT XI DUBJU LI L-AKKUZI PROSEKUTORJALI HUMA, B'XI MOD, DIFETTUZI. GHALHEKK, DINA L-QORTI QIEGHDHA SSIB LILL-IMPUTAT ODJERN HATI TAL-AKKUZA TA` PUSSESS TA` FLUS FOLOZ U, WARA LI RAT L-ARTIKOLU 50 (3) TAL-KAPITOLU 204 TAL-LIGIJIET TA` MALTA QIEDGHHA TORDNA LI T-TLETT MITT (300) BILJETT TA` GHOXRIN EWRO (€20) IL-WAHDA HAWN ESIBITI F'DAN IL-KAZ JIGU KKUNSENJATI LILL-BANK CENTRALI TA` MALTA (CENTRAL BANK OF MALTA) SABIEX JIGU MEQRUDA TAHT SORVELJANZA. UKOLL A TENUR TAL-ARTIKOLU 533 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA` MALTA, DINA L-QORTI QIEDGHHA TORDNA LILL-IMPUTAT GHALL-HLAS TA` SPEJJEZ LI JKOLLHOM X'JAQSMU MAL-HATRA TA` ESPERTI JEW PERITI FIL-PROCEDURI.

ILLI FIR-RIGWARD TAL-PIENA, DINA L-QORTI QIEDGHHA TIEHU IN KONSIDERAZZJONI C-CIRKOSTANZI KOLLHA TAL-KAZ INKLUZA L-FEDINA PENALI NETTA TIEGHU. IL-FATT ILLI L-AKKUZA ODJERNA TIKKONCERNA BISS KAZ TA` PUSSESS, IL-FATT ILLI L-IMPUTAT ILU ZMIEN ARRESTAT HAWN MALTA U MA JISTGHAX U MA SETGHAX LANQAS JIVVIZITA LILL-MARTU U T-TIFLA, IT-TNEJN MORDA GEWWA SQALLIJA U WARA LI RAT DAK LI QAL L-UFFICJAL PROSEKUTUR FIL-MORI TAL-KAWZA LI L-PROSEKUZZJONI MA KIENETX QIEGHDHA TINSISTI FUQ PIENA EZEKUTTIVA, QIEDGHHA TIKKUNDANNA LILL-IMPUTAT GHAL TERMINU TA` PRIGUNERIJA TA` ERBGHA U GHOXRIN (24) XAHAR IZDA, A TENUR TAL-ARTIKOLU 28 A TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA` MALTA IZDA

TORDNA LI DAN L-INKARCERAZZJONI MA TIBDIEX ISSEHH SAKEMM L-IMPUTAT MA JIGIX MISJUB HATI TA` REAT IEHOR LI GHALIH HEMM TERMINU TA` PRIGUNERIJA U DAN GHALL-PERJODU TA` ERBA` (4) SNIN MIL-LLUM.

IL-QORTI SPJEGAT IL-PORTATA TA` DIN IS-SENTENZA LILL-IMPUTAT.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------